# Apprezzament: Winston L. Zammit

**Philip Xuereb**



*Winston L. Zammit*

Din kienet il-firma li kienet tidher, nista' ngħid kull sena, ma' wieħed mill-artikli li kienu jiġu ppubblikati f'dan il-ktieb tal-programm tal-festa ta' Santa Liena mis-sena 1975 il hawn. Din is-sena, u din l-edizzjoni tal-ktieb, ser ikunu l-aħħar darba li ser tidher din il-firma għax f'Novembru tas-sena li għaddiet, Birkirkara u b'mod partikulari l-Kolleġġjata Elenjana, tilfet wieħed mill-akbar u l-aktar ħbieb antiki tagħha, sewwasew bil-mewt ta' dan ir-riċerkatur u storjografu, Winston Lawrence Zammit, li proprjament, għal min ma jafx, kien minn Tas-Sliema.

Ir-rabta ta' Winston ma' Birkirkara tmur lura sa mis-snin bikrin ta' ħajtu, hekk li f'apprezzament dwaru li kiteb Tonio Borg naqraw li Winston: *kellu mħabba speċjali għal Birkirkara u Santa Liena, tant li kien qalli li għamel żmien meta kien żgħir iservi ta' abbati hemm.* U l-ġibda tiegħu lejn Birkirkara u lejn Santa Liena baqgħet tidher ukoll fiżikament matul ħajtu kollha, għax sakemm saħħtu ma bdietx toħloqlu xkiel, hu li ma kienx isuq, imma kull fejn ried imur dejjem kien imur bil-karozza tal-linja jew bil-mixi, kien baqa' jiġi dejjem kemm għall-festa ta' Santu Kruċ u naturalment għal Santa Liena.

Winston kien għamel l-istudji tiegħu fil-Kulleġġ San Alwiġi u l-*Junior College.* Iggradwa B.A. (Hons) fl-istudju tal-Istorja fl-1971 u M.A. fl-istess suġġett fl-1975 mill-Università, dak iż-żmien Irjali, ta' Malta. Wara mbagħad studja għall-*Post Graduate Certificate in Education,* biex isir għalliem tal-Istorja u l-Istudji Soċjali fl-iskejjel sekondarji tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

Barra t-tagħlim tal-istorja fl-iskejjel, l-attività ewlenija oħra fil-ħajja tiegħu kienet ir-riċerka, il-kitba u l-preżentazzjonijiet f'laqgħat jew fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni, dwar l-Istorja. Nistgħu ngħidu li minbarra d-dar u s-*Sacro Cuor* u l-iskola fejn kien ikun jgħallem, wieħed kien l-aktar li jista' jara lil Winston fil-Biblijoteka l-Belt u fl-Arkivju Nazzjonali r-Rabat.

Naturalment, Winston irriċerka, kiteb u ppubblika, l-ewwel u qabel kollox fuq pajjiżu Tas-Sliema. U f'dan l-ambitu m'hemmx għalfejn noqogħdu nsemmu l-għadd ġmielu ta' xogħlijiet tiegħu fil-qasam imsemmi. Kellu wkoll pubblikazzjonijiet li s-suġġett tagħhom kien ta' interess nazzjonali. U minbarra Tas-Sliema u Birkirkara, kien jikkontribwixxi wkoll riċerka u kitbiet għal pubblikazzjonijiet ta' parroċċi, każini u entitajiet oħra ta' għadd ġmielu ta' lokalitajiet oħra. Irridu nsemmu wkoll il-kitbiet tiegħu ppubblikati f'gazzetti u rivisti, fost dawn *Melita Historica,* il-pubblikazzjoni tal-*Malta Historical Society,* u partikularment

fir-rivista tal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini *Dawl Franġiskan* għax Winston, minn ħafna snin 'il hawn, kien qed jagħti servizz lil dan l-Ordni fil-Kunvent tal-Furjana.

Kif tajna ħjiel fil-bidu ta' dil-kitba, Winston L. Zammit kien ilu jikkontribwixxi b'assidwità u impenn, artikli għal dal-ktieb sa mill-1975, aktar minn erbgħin sena. Ġeneralment il-kitbiet tiegħu, billi dal-ktieb hu pubblikazzjoni marbuta ma' festa ta' knisja, kienu jkunu fuq aspetti ta' storja ekkleżjastika lokali. U hawn mhux dejjem kienu biss marbutin mal-perjodu, biex ngħidu hekk, ta' speċjalizzazzjoni tiegħu, imma fuq żminijiet oħra wkoll. Anqas madankollu ma naqsu artikli li s-suġġett tagħhom kien ukoll fuq l-aspett soċjali.

Hekk naraw li l-ewwel artiklu fil-ħarġa tal-ktieb tal-programm għall-festa ta' Santa Liena tas-sena 1975, li dik il-ħabta kienet għadha tiġi ċċelebrata fil-jum liturġiku proprju tagħha, it-18 ta' Awwissu, kien dan: ***Il-Festa ta' Santa Liena u xi Opri Ġodda li saru fil-Knisja Kolleġġjata ta' Birkirkra bejn l-1859 u l-1889.***

Fost pubblikazzjonijiet tiegħu fuq Birkirkara jew li fihom hemm materjal li jinteressa lil Birkirkara, insemmu dawn li ġejjin: *Birkirkara fis-Seklu XIX (1995); Il-Mexxejja tal-Maltin tal-Kungress Malti 1799-1900 (1999); Impenn Għan-Nazzjon – il-Politiċi f'Birkirkara (2000); Birkirkara fis-Seklu XX sat-Tieni Gwerra Dinjija (2007)* u *Sir Anthony Mamo. L-Ewwel President ta' Malta (2013).* Hu kkollabora wkoll bosta drabi mal-każini lokali, kemm mad-*Duke of Connaught's Own Band* kif ukoll mal-Banda Sant'Elena. U dan kemm permezz ta' artikli imma wkoll fil-kitba tal-istorja tas-soċjetajiet infushom, li l-aħħar każin kien ippubblika fl-2009 f'għeluq id-90 sena tas-Soċjetà, u tal-ewwel fl-2015 f'għeluq il-150 sena tas-Soċjetà.

Winston ikkollabora wkoll mas-Soċjetà Dun Filippu Borgia f'pubblikazzjonijiet tagħhom. Barra minn hekk, hu kien ikkollabora permezz ta' taħditiet li kien ikun mitlub li jagħmel kemm mis-Soċjetà Dun Filippu Borgia kif ukoll mill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara. U l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara ried jgħożż u jwassal aktar ir-riċerka ta' Winston permezz ta' tnejn mill-publikazzjonijiet imsemmijin hawn fuq.

Rigward Winston, wieħed ma jistax ma jsemmix is-sens tegħu ta' spiritwalità. Fuq din sema' ben tajjeb kull min attenda l-funeral tiegħu fil-knisja parrokkjali ta' Sidtna Marija Sultana tal-Qalb ta' Ġesù f'Tas-Sliema, minn fomm iċ-ċelebrant fl-omelija li għamel għal dik l-okkażjoni. Hu kellu mħabba kbira u speċjali lejn il-Madonna tas-*Sacro Cuor* li żgur li kellha l-ewwel post f'qalbu. Niftakar li anke meta kien għadu jasal xi wasla sal-Bażilika Elenjana, kien jifraħ jara l-kwadru tal-Madonna taħt dan t-titlu, li dak iż-żmien kien ikun, kif sa ftit ilu kien għadu, fis-sagristija tan-nofs, fuq il-bieb ħdejn in-niċċa ta' San Franġisk u li llum tqiegħed band'oħra fis-sagristija stess.

Minn dawn il-paġni tasal tislima sinċiera lil Winston, mhux biss f'isem min qed jikteb, mhux biss f'isem il-Kummissjoni Kapitulari li tieħu ħsieb dan il-ktieb tal-programm tal-festa, il-Kumitat tal-Festa u r-Rev.mu Kapitlu Elenjan li tant kien jammira u jirrispetta, imma wkoll f'isem il-Karkariżi kollha, u f'isem dawk kollha li bħalu kienu jħobbu u jgħożżu lil Birkirkara u lil Santa Liena.